**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

**SEDUTA NUMRU 32**

IL-ĦAMIS 30 TA' ĠUNJU 2011 FIS-5.30 TA' FILGĦAXIJA

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA | SINDKU KLJ CMLJ |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU |
| DORIS VELLA | KUNSILLIERA |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER |
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER |
| CLAUDINE LANZON | KUNSILLIER |

**SKUŻAT**

| | |
|---|---|
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## I Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tas-Seduta 31 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament u iffirmatii mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## II Komunikazzjoni mis-Sindku

i Is-Sindku nforma li ma kien hemm l-ebda żvilupp dwar il-bus shelter fi Triq Palma. Bus shelter

ii Dwar il-proġett tax-shelter tal-gwerra s-Sindku nforma li s-survey għadu għaddej.

iii Is-Sindku nforma li fil-jiem li ġejjien se ssir l-applikazzjoni għall-kustodja tax-xelter l-ieħor li hemm fil-pjazza.

iv Dwar il-proġett tar-resurfacing tat-toroq (PPP) is-Sindku nforma li minkejja li talab lill-Kuntrattur biex jinbdew ix-xogħlijiet s'issa m'għandu l-ebda ndikazzjoni ta' dan. Resurfacing PPP

v Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tibgħat reminder lill-kuntrattur dwar dan.

vi Dwar il-każ tal-5-A side is-sindku nforma li kellu laqgħa ma Desmond Mizzi. Huwa qal li ġie diskuss il-possibilita' li l-ground jingħalaq peress li issa ġie anke perikoluż. Huwa rrapporta wkoll li xi jiem ilu kien hemm inċident fejn persuna weġgħet u saħansitra ittieħdet l-isptar. 5 – A Side

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ — Marisa Pisani
Sindku — A/Seg. Eżek.

vii Is-Sindku rrefera għall-proġett ta' l-isqaq ta' Santa Marija. Huwa nforma li ġie iffirmat il-kuntratt mal-WSC u l-ispejjeż involuti ser jiġu mnaqqsa mill-flejjes li hemm dovuti lill-Kunsill. Sqaq Santa Marija

viii Il-Kunsill nfurmat ukoll li hekk kif jasal il-materjal hu se jikkordina x-xogħlijiet biex fejn hu possibli dawn isiru f'daqqa biex l-inkonvenjent lill-pubbliku jkun minimu.

ix Is-Sindku nforma li għadna qed nistennew l-approvazzjoni mill-MEPA għall-proġett tal-Awtorita' tad-Djar. Nsaħħu l-Komunita', Riġenerazzjoni fl-Oqsma tal-binjiet tal-Gvern. Awtorita' tad-Djar

x Dwar l-iskema ta' manutenzjoni tal-komun fil-flats tal-Gvern il-Kunsill ġie nfurmat li Blokk ta' Appartamenti ma jridux jipparteċipaw. Is-Sindku nforma li r-residenti ħadu vot u l-maġġoranza kienet li ma ssirx manutenzjoni. Huwa qal li talabhom li jagħmlu diikjarazzjoni ta' dan bil-miktub u din intbgħatet lis-CEO ta' l-Awtorita tad-Djar. Progett ta Manutenzjoni binja tal-Gvern

xi Is-Sindku rrapporta li l-Kunsill ta' Godeni Romania nfurmawh li s-Citizen's Meeting se jsiru f'Lulju. Godeni

xii Dwar it-talba tal-Kunsill biex jissema' Ġnien Veliko Turnova s-Sindku nforma li l-ittra ntbgħatet lil Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq. Ġnien Veliko Turnovo

xiii Is-Sindku rrefera għax-xogħlijiet fid-Dar tal-Kejka u rrapporta li x-xogħlijiet li kellhom issiru mill-iscouts issa tlestew ukoll kull ma jonqos li jsiru l-aperturi. Dar tal-Kejka

xiv Is-Sindku nforma li l-programm "Konfini mill-Pjazza" li ġie rrekordjat Ħal Tarxien se jixxandar fil-11 ta' Lulju 2011 fid-21.45. Programm Konfini

| | |
|---|---|
| Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ | Marisa Pisani |
| Sindku | A/Seg. Eżek. |

xv Is-Sindku tkellem fuq l-attivitajiet li saru f'Jum Ħal Tarxien. Huwa qal li kollox mar sew speċjalment is-serata mużikali li vera kienet suċċess. Huwa qal li l-programm kien vera varjat bil-parteċipazzjoni ta' artisti professjonali. Il-Kunsillieri kollha ssekondaw dan. Leja Tarxiniża

xvi Is-Sindku qal li talab lil Customer Care jagħmlu rapport dwar ix-xogħlijiet li saru mill-WSC fil-Lokalita'. Huwa nforma li dan għadu ma sarx peress li s-sistema ma kelliex faċilita' ta' reporting, mingħajr din l-informazzjoni il-Kunsill ma jistax jgħamel talba lil-WSC għal-ħlasijiet dovuti lill-Kunsill Lokali. Rapport WSC

xvii Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kien għamel ma l-istaff. Huwa nforma li minkejja li kien tkellem ma l-iskrivani kollha li ċertu nuqqasijiet serji mhux ser jkunu aċċettabli, l-iskrivana Jossianne Grech xorta baqgħet tonqos milli twettaq xogħolha u tinjora struzzjonijiet anke li jkunu saru bil-muktub. Xoghol tal-Customer Care

xviii Is-Sindku qal li din l-attitudni qed tirrifletti ħażin fuq l-amministrazzjoni tal-Kunsill u qed tħalli mpatt negattiv fuq il-pubbliku u l-Lokalita'. Huwa nforma li s'issa nħarġu 3 warnings uffiċjali peress li din ingħatat diversi warnings verbali kemm minnu kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv. Warnings

xix Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li sussegwentament saret laqgħa mal-UĦM dwar dan, fejn ġie spjegat lilhom id-diversi nuqqasijiet serji u l-atteġjament ta' l-iskrivana inkwestjoni. Laqgħa UĦM

xx Il-Kunsill iddiskuta din il-materja. Ġew irrappurtati diversi nuqqasijiet oħra li anke affetwaw ħażin ir-responsabbiltajiet tal-Kunsillieri. Kien hemm qbil unanimu li din is-sitwazzjoni ilha għaddejja għal diversi snin u mhix aktar aċċettabli. Għaldaqstant id-deċizzjoni kienet unanima li l-impjieg tagħha għandu jiġi terminat. Terminazzjoni ta' Impjieg

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ
Sindku

Marisa Pisani
A/Seg. Eżek.

## III Affarijiet Finanzjarji

i Il-Kunsill ġie nfurmat li r-risposta għal-Management Letter saret obligatorja lill-Awditur Ġenerali — *Management Letter*

ii Is-Sindku rrefera għal-kont tal-Perit Christ Mintoff u nforma li dan ġie setled — *Kont tal-Perit*

iii

iv L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata unanimament mill-Kunsill. — *Skeda ta' Pagamenti*

v Dwar is-Salarju għax-xahar ta' April 2011 lill-ex Segretarju Eżekuttiv, s-Sindku nforma li se ssir laqgħa ma l-Avukat Joe Mifsud. — *Salaraju Ex Seg. Eżek.*

## IV Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri

### i Rapport mill-Viċi Sindku F. Agius

Il-Viċi Sindku ppreżenta r-rapport tal-ġurija tal-konkors letterarju li r-rebbieħ tiegħu kien ZKS bit-titlu id-Djarju.

Huwa rraporta wkoll li qed ikompli jaħdem fuq il-programm ta' l-attivita' "Epoka" li se ssir f'Settembru li ġej flimkien mas-Sindku.

### ii Rapport mill-Kunsillier K. Darmanin

Il-Kunsillier K. Darmanin irrapporta li għal darb'oħra ser jerġa jattendi l-Parlament taż-Żgħażagħ.

Huwa nforma wkoll li fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Tarxien tqassmu iċ-ċertifikati lill-koordinaturi tan-N'Hood Watch. Huwa rringrazzja wkoll lill-Viċi Sindku li għin biex dawn saru.

Il-Kunsillier K. Darmanin nforma wkoll li l-laqgħat tan-N'Hood Watch Area 18 u 19 se jsiru fit-18 u l-25 ta' Lulju 2011.

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ
Sindku

Marisa Pisani
A/Seg. Eżek.

**iii Rapport mill-Kunsilliera D. Vella**

Il-Kunsilliera D. Vella tat rendikont dwar il-ħarġa li saret fil-Palm Valley.

Hija qalet li nhar il-Ħamis 7 ta' Lulju 2011 se ssir ħarġa għal Għawdex.

**iv Rapport mis-Sindku P. Farrugia**

Is-Sindku ta rendikont tal-ħarġa li saret fi Danish Village. Huwa nforma wkoll li l-get together li jmiss ssir it-Tlieta 19 ta' Lulju 2011 fir-"Rainbows" f'Ħal Tarxien.

Is-Sindku ppreżenta d-dokument għall-ħatra tat-Tendering Committee, skond l-artiklu 29 tal-Ordnijiet Permanenti biex jiġġudika t-tender tal-Project o-ordinator tal-proġett tal-ERDF 213. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

Is-Sindku nforma li jrid isir eżerċizzju ntensiv biex jiġi stabbilit il-Fixed Assets Register. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan jirrikjedi mpenn u li mhux possibli jsir waqt ix-xogħol ta' l-uffiċju. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament li nitolbu l-għajnuna ta' skrivana ta' Kunsill ieħor li hija ntiża f'din il-materja.

Is-sindku nforma li l-Kunsill ingħata €466 f'għajnuna għall-Librerija mill-gvern kif ukoll inġabu lura 36 kaxxa kotba- li kienu qegħdin jiġu irreġistrati.

Is-Sindku ppreżenta kwotazzjoni mingħand il-Klikk għax-xiri ta' computer u laser printer ( ). Din ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

Is-Sindku rrefera għan-notifika mill-ARMS biex jaqtgħu id-dawl tal-Kunsill peress li dawn qed isostnu li hawn kontijiet pendenti. Huwa nforma li anke iddiskuta din il-materja ma' l-Accountants tal-Kunsill u ma jirriżultax li hawn xi flejjes dovuti għas-servizzi tad-dawl u l-ilma fl-Uffiċċji Ammininstrattivi ( Triq Santa Marija)

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ
Sindku

Marisa Pisani
A/Seg. Eżek.

Is-Sindku nforma b'xi ħidmiet li saru mill-Kumitat tar-Reġjun. Huwa qal li se tiġi organizzata Wirja ta' l-Arti fil-Waterfront li fiha se jipparteċipaw il-Lokalitajiet li jiffurmaw dan ir-Reġjun.

Il-Kunsill ġie nfurmat wkoll li l-Kumpanija Taljana qed tipproponi kompetizzjoni ta' l-imudellar li l-premju agħha jkun sewa scholarship. Huwa qal li qed jiprova jsib ħames lokalitajiet biex jinqassmu l-ispejjeż.

Is-Sindku nforma wkoll li inħarġet it-tender għal Uffiċċju Amministrattiv tal-Kumitat tar-Reġjun

Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza tal-Waste Serv dwar flejjes dovuti lill-Kumpanija mill-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru 2010. is-Sindku qal li l-Kunsill għandu struzzjonijiet li jħallas lill-Wasteserv l-ammont li l-Kunsill jiġi allokat mill-Gvern Ċentrali. Huwa qal li l-Kunsill tagħna dejjem ħallas dawn il-pagamenti u għal daqstant m'hemmx bilanċ dovut.

Is-Sindku rrefera l-email ta' l-ex Segretarju Eżekuttiv li ġġib id-data ta' l-20 ta' Ġunju 2011, liema korrispondenza ġiet mibgħuta lill-Kunsilliera għall-informazzjoni tagħhom u għal kummenti. Huwa qal li għalkemm kunsillier wieħed biss bgħat il-kummenti tiegħu; dan ma jfissirx li jekk tinħass il-ħtieġa, itella lill-Kunsillieri kollha biex jixhdu fil-qorti.

Huwa qal li kopja ġiet mgħoddija wkoll lill-Avukat kif ukoll lill-Pulizija għal azzjoni minn naħa tagħhom.

**Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00 pm u sar aġġornament għall-nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju 2011.**

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ Marisa Pisani

Sindku A/Seg. Eżek.